# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Erbgha 7 ta' Dicembru, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**vs.**
**Costantino Gouder**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Costantino Gouder ta' 28 sena, bin Costantino u Jane nee' Vella, imwieled Pieta nhar it-3 ta' Marzu, 1981 u residenti 29, Triq il-Barri, il-Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 138481M

Akkuzat talli:

Nhar is-27 ta' Lulju 2008, f'xi hin bejn il-11:30hrs u s-12:45hrs, minn gewwa residenza numru 98, Triq Kola Xara, Rabat, flimkien ma' persuna ohra, ikkommetta serq ta' oggetti tad-deheb, liema serq huwa aggravat bil-valur, meta l-valur tal-haga misruqa huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), bil-mezz u bil-lok u dan ghad-detriment ta' Mary Briffa u/jew persuni ohra.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli billi ghamel hsarat fuq il-propjeta' ta' Mary Briffa mir-Rabat, liema hsarat jammontaw ghal anqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma huma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47), u dan ghad-detriment tal-istess Mary Briffa u/jew persuni ohra.

U aktar talli kiser ordni ta' probation moghtija lilu mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. nhar it-30 ta' April 2008 ghall-perjodu ta' tlett snin.

Il-Qorti giet mitluba li titratta ma' l-imputat bhala li huwa ricediv b'sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu kif ukoll hija giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 379(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarju, u rat li l-imputat iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat u deciz.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Rat il-verbal tad-29 ta' April 2010, fejn l-imputat rregistra ammissjoni ghall-ewwel u t-tieni akkuzi, u fir-rigward tat-tieni akkuzat iddikjara li mhux qed jikkontesta li ghamel hsara imma qed jikkontesta l-*quantum* tal-hsara.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tielet akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rigward it-tieni akkuza, l-imputat iddikjara li hu mhux qed jikkontesta li ghamel hsara imma qed jikkontesta biss il-quantum tal-hsara. Mary Rose Briffa xehdet li kienu insterqulha madwar Lm200 gojjelli tad-deheb u xi affarijiet tal-fidda li ma setghetx tikkwantifika. Kellha wkoll xi danni fil-kxaxen tal-gradenza, imma ma kellhiex stima ta' kemm kien se jiswiha biex tirrangahom. Kellha wkoll il-*lock* tal-bieb ta' barra miksur, imma hija ma xtratx *lock* bhalma kellha ghax kien irhis u ma kienx joffri sigurta, u minflok xtrat lock iktar sigur. Biex ghamlet il-*lock* tal-bieb ta' barra nefqet €252.00 L-ircevuta relattiva tghid li dan l-ammont ikopri *"new lock main door + fixed old locks and maintenance".*

Ghalhekk, ghandu ragun f'dan l-aspett l-imputat li jghid li l-lock li d-derubata kellha ma kienx jiswa €252.00, ghax kien lock ordinarju u antik. Id-derubata nefqet dan l-ammont ghax ghazlet li tixtri lock iktar sigur u mill-ircevuta jidher li ghamlet ukoll xi manteniment lill-bieb. Pero l-imputat ma gab l-ebda prova ta' kemm kien jiswa l-lock li kisser. Inoltre, jirrizulta li d-derubata ghad fadlilha tirranga l-locks tal-gradenza u ma kienitx ikkalkulat l-affarijiet tal-fidda li insterqulha. Kien obbligu tad-derubata li tipprezenta stima ta' kemm kien se jiswiha biex tirranga l-kxaxen tal-gradenza u stima tal-affarijiet tal-fidda li nsterqulha. Rigward il-bieb ta' barra, hija intitolata biss ghal valur ta' lock bhalma kellha u dak li riedet thallas lill-mastrudaxxa biex iwahhlu. Ghalhekk, il-Qorti qieghda tirriduci l-kumpens dovut lid-derubata biex tbiddel il-lock ghal €125.00.

L-imputazzjoni tar-recidiva giet ukoll ippruvata mill-Prosekuzzjoni, bl-ezibizzjoni tas-sentenza relattiva.

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat kellu l-vizzju tad-drogi u fil-fatt il-fedina penali tirrifletti dan ghax ghandu erba' (4) kundanni ta' serq. Pero kemm il-Probation Officer Matthew Fleri Soler li segwa lill-imputat ghal tlett snin fuq ordni ta' Probation ordnat minn din il-Qorti diversament preseduta, kif ukoll Vicky Scicluna, social worker tal-Agenzija Sedqa, fahhru hafna l-impenn u l-motivazzjoni tal-imputat li jeghleb dan il-vizzju. Fil-fatt Vicky Scicluna xehdet li l-imputat ghamel programm residenzjali shih ta' sena u nofs fil-kommunita Santa Marija u lestieh kollu, u li huma sodisfatti hafna bil-mod kif mar. Issa kien baqa' jattendi kull gimgha biex ikompli jircievi l-ghajnuna biex jikkomplimenta il-programm li ghamel.

Vicky Scicluna kompliet tghid hekk *"Iva illum il-klijent qed jattendi kif ghid is-servizzi taghna kollha u jaghti supervised urines kull gimgha. Qed izomm mal care plan li qed naghmlulu, dak li qed nissuggerulu qed jaghmlu u qed juri wkoll responsabbilita lejn il-mara tieghu u t-tfal tieghu u qed jiehu hsieb il-familja din hija issue importanti ghalina. Is-supervised urine samples li hadnielu kienu fuq is-sustanzi kollha tad-droga u dejjem sibnieh negattiv. Ukoll bhal issa ghadu fuq xi methadone treatment peroqed isegwi l-pariri tat-tabib tieghu skond if qed imexxieh. Li nixtiequ li jibqa' sejjer hekk Costantino Gouder u jibqa' jattendi kull gimgha kif nixtiequh u jibqa' miexi mal-pjan li qed naghmlulu. ... ... Jiena personalment kif ghidt ilni iktar minn 10 years f'dan il-job u l-klijenti b'success mhux hafna. Ghall-inqas meta klijent ikun ghamel dan is-success u sejjer tajjeb, rkupra l-post tieghu fis-socjeta, rkupra id-doveri u r-responsabbilitajiet tieghu lejn familja u zewgt itfal, huwa hasra li dan irid imur jinghalaq il-habs. It upsets all his life. Il-klijent nixtieq nghid ukoll jahdem ma missieru fuq dghajsa jistad. Jigifieri ghandu hajtu settled."*

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti trid bil-fors tikkunsidra li fit-tielet imputazzjoni, l-imputat ammetta – u gie ppruvat - li ikkommetta reat waqt li kien taht Ordni ta' Probation, imposta fuqu b'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-30 ta' April 2008.

L-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta jippreskrivi illi:

*"(1) Jekk persuna li fil-kaz taghha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni ghall-liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinhareg fir-rigward taghha dikjarazzjoni ta' htija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti –*

*(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun ghamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, <u>tista'</u> tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat;*

*(b) jekk tkun qorti differenti, ghandha tibghat lil dik il-persuna quddiem il-qorti li tkun ghamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata u dik il-qorti ghandha kemm jista'*

*jkun malajr, tara li dik il-persuna tingieb quddiemha, u meta tingieb prova ghas-sodisfazzjon taghha tad-dikjarazzjoni ta' htija dwar ir-reat ulterjuri, tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b'kull mod li setghet tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Disposizzjoni sostanzjalment simili ghal dan l-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 kienet tezisti fl-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152, liema Kapitolu huwa llum abrogat, u sostitwit bil-Kapitolu 446.[1] L-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 kien gie interpretat fis-sentenza **Il-Pulizija v. Andrew Buhagiar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Gunju 1999, fejn gie ritenut illi: *"L-uzu tal-kelma sottolineata "tista" – "may" fit-test ingliz – ma' jfissirx li dik il-Qorti ghandha xi ghazla fis-sens li tista' tittratta ma' dik il-persuna u tista' ma titrattax maghha, kif donnu ried ifisser l-abbli difensur tal-appellat. Il-Kap. 152, infatti, anqas biss jikkontempla l-possibilita li dik il-Qorti taghzel li ma' titrattax mal-persuna li tkun kisret l-ordni ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni. Il-kelma "tista'" f'dan il-kuntest tfisser biss li dik il-qorti jkollha s-setgha li tittratta ma' dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-qorti. Ghalhekk, kemm fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 10, kif ukoll fil-paragrafu (a) tal-istess subartikolu, il-kelma "tista" fl-espressjoni "tista' tittratta ma' dik il-persuna" tfisser li l-qorti li tkun ghandha tittratta ma' dik il-persuna."*[2] (sottolinear dik il-Qorti).

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti din l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Appell Kriminali tat lill-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 ghandha tapplika bl-istess mod fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446, li kif diga inghad huwa sostanzjalment simili. Fil-kaz odjern, l-Ordni ta' Probation giet imposta fuq l-imputat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), u

---

[1] L-artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 kien jippreskrivi hekk: *"Jekk persuna li fil-kaz taghha jkun gie maghmul ordni ta' probation jew ordni ghal liberazzjoni taht kondizzjoni tigi 'l quddiem misjuba hatja minn jew quddiem xi qorti ta' reat maghmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu tal-liberazzjoni taht kondizzjoni, il-qorti –*
*(a) jekk tkun l-istess qorti li kienet ghamlet l-ordni tal-probation jew l-ordni ta' liberazzjoni taht kondizzjoni tista' tittratta ma' dik il-persuna ghar-reat li ghalih l-ordni gie maghmul b'kull mod li bih kienet tkun tita' titratta maghha kieku kienet ghadha kif giet dikjarata hatja minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat;*
*(b) jekk tkun qorti differenti, ghandha tibghat lil dik il-persuna quddiem il-qorti li minnha l-ordni ta' probation jew l-ordni ghal liberazzjoni taht kondizzjoni kien maghmul u dik il-qorti ghandha, malli jkun prattikabbli iggieghel lil dik il-persuna li tidher jew tingieb quddiemha u fuq prova ghas-sodisfazzjoni tal-qorti tad-dikjarazzjoni ta' htija dwar ir-reat l-iehor tista' tittratta ma' dik il-persuna ghar-reat li ghalih l-ordni kien gie maghmul b'kull mod li bih kienet tista' tittratta maghha kieku kienet ghadha kif giet misjuba hatja ghal dak ir-reat minn jew quddiem dik il-qorti."*

[2] Ara fl-istess sens is-sentenza **Il-Pulizija v. Raymond Callus** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Dicembru 2001.

konsegwentement din il-Qorti hija obbligata li tittratta mal-imputat kif jipprovdi l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bis-sentenza tat-30 ta' April 2008, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fuq imsemmija, kienet poggiet lill-hati odjern taht Ordni ta' Probation ghax sabitu hati tar-reat ta' serq aggravat bil-mezz, lok, hin u valur li jeccedi l-elf Lira Maltin, ricettazzjoni, u li kien recidiv. Ir-reat ta' ricettazzjoni jista' jigi ikkunsidrat bhala alternattiv ghal dak tas-serq, u l-Qorti ghandha diskrezzjoni jekk izzidx il-piena minhabba recidiva. Pero, il-piena ghas-serq aggravat bil-mezz u bi tlett aggravji ohra hija minn erbatax(14)-il xahar sa erba' (4) snin prigunerija (ara Artikolu 278(3) tal-Kodici Kriminali.)

Din il-Qorti hija obbligata li tinfliggi piena fuq l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet, li taghhom kien instab hati fis-sentenza tat-30 t'April 2008 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Fil-fatti specje tal-kaz odjern, is-subincizi (2) u (3) tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446[3] jipprojbixxu lil din il-Qorti milli tpoggi lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, fil-waqt li l-Artikolu 28A(7)(b) u (c)[4] jipprojbixxi lil din il-Qorti milli timponi sentenza sospiza. Konsegwentement, fil-fatti specje tal-kaz odjern, il-piena minima ghar-reati li ghalihom instab hati fis-sentenza tat-30 t'April 2008 hija dik ta' piena karcerarja effettiva ghall-imputazzjoni ta' serq aggravat.

L-istess kunsiderazzjonijiet japplikaw ghal piena li trid tigi inflitta ghall-imputazzjonijiet li taghhom l-imputat instab hati fil-kaz odjern, bid-differenza li fil-kaz odjern l-imputat instab hati ta' serq aggravat bil-valur biss, tar-reat ta' danni volontarji u li hu recidiv.

---

[3] L-Artikolu 23(2) jippreskrivi illi: *"Bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tigi ttrattata ghar-reat li dwaru tkun tqeghdet taht probation b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun giet kondizzjonalment liberata, jew il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1)."*
L-Artikolu 23(3) jippreskrivi illi: *"Is-subartikolu (2) m'ghandux japplika meta r-reat maghmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata u li dwaru l-persuna sussegwentement tigi dikjarata hatja , jkun kontravvenzjoni jew ikun delitt ta' omicidju involuntarju, jew offiza involontarja fuq il-persuna, jew hsara involontarja fuq il-proprjetà."*

[4] L-Artikolu 28A(7)(b) u (c) jippreskrivi illi: *"Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ma ghandux isir f'xi wiehed mill-kazijiet li gejjin - ... ...*
*(b) meta l-ikkundannat ikun reċidiv fit-termini tal-artikolu 50;*
*(c) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-Probation."*

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat issottometta li din il-Qorti m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva, ghax mhix idonea ghall-fatti specje tal-kaz odjern, u l-Ufficjal Prosekutur ma kellux oggezzjoni li l-imputat jinghata sentenza kommunitarja, ladarba jidher li l-imputat qabad ir-rotta t-tajba.

Sabiex isir dan, din il-Qorti trid bil-fors taghti piena taht il-minimu preskritta mil-ligi meta teroga l-piena ghal ksur tal-ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata. Kif diga inghad mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler u tas-social worker Vicky Scicluna, irrikonoxxa l-izbalji li ghamel, irnexxielu jeghleb il-vizzju tad-droga u tbieghed mit-triq tal-kriminalita, u qieghed jahdem regolari u jinsab integrat fis-socjeta.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Rittmar Hatherly** et deciza fid-9 t'Ottubru 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[5] irriteniet hekk: *"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979):*
*"The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited...As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).*

Mis-suespost, jidher li l-imputat f'dawn l-ahhar snin ghamel l-almu tieghu mhux biss biex jitbieghed mit-triq tal-kriminalita, izda wkoll biex jerfa' r-responsabbilita tieghu ta' missier ta' familja u jahdem u mill-provi jirrizulta li l-imputat huwa motivat li jkompli f'din it-triq it-tajba li qabad. Mill-fedina penali aggiornata ma jirrizultax li l-imputat rega' xellef difrejh mall-gustizzja mis-sena 2008. Il-Qorti, wara li irriflettiet fit-tul, hija tal-opinjoni li l-isforzi tal-imputat jisthoqqilhom li jigu inkoraggiti u li f'dan il-kaz jezistu cirkostanzi specjali u straordinarji ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, ghalfejn il-piena ghandha tkun

[5] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

taht *il-minimum* stabbilit mil-ligi, u dan stante li piena karcerarja effettiva mhix idonea fic-cirkostanzi.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-Artikoli 21, 261(c), 267, 279(a), 325(1)(b), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), t-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, qieghda, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, huwa jkun jista' jigi ikkundannat ghar-reat li ghalih giet maghmula din l-Ordni, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446, il-Qorti qieghda tordna lill-hati ihallas lid-derubata Mary Rose Briffa is-somma ta' hames mija u wiehed u disghin Euro (€591.00), rapprezentanti l-valur ta' parti mill-gojjelli li serqilha u l-ispejjez biex tissostitwixxi l-lock tal-bieb ta' barra li kissrilha.

Inoltre, in vista tal-fatt li din il-Qorti sabet lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni, u cioe li kiser il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation tat-30 ta' April 2008 maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, din il-Qorti qieghda, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tittratta mal-hati ghall-imputazzjonijjiet li dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni, daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull bwon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-Ordni ta' Probation ordnat bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-Artikoli 21, 261(a)(b)(c)(e)(f), 262(1)(a), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 270, 276, 276(A), 277, 278, 279, 280, 281, 334(a), 325(1)(b), 49, 50, 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, u l-Artikolu 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hati ghal perjodu ulterjuri ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghdin jigu sospizi ghal perjodu ta' erba' snin mil-lum, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin Euro u hamsa u sittin centezmu (€125.65), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**